PA 73 S

Fit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
1 MAR 2019
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

vs.

l-Awtorità tal-Ippjanar u

C.G.L. Oil Blenders Ltd (C8551)

PA/03816/18

**Rikors tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**

Tesponi bir-rispett

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors qed jiġi intavolat rikors tal-appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar tal-21 ta' Jannar 2019 (ippubblikata nhar it-30 ta' Jannar 2019) dwar l-applikazzjoni numru PA/03816/18 ta' permess ta' żvilupp minn C.G.L. Oil Blenders Ltd (C8551) (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Permess").

Illi a tenur tal-Artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Awtorità appellanti qiegħda umilment titlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Permess sakemm jiġi deċiż ir-rikors tal-appell.

Illi l-Permess ma jaqax taħt l-eċċezzjonijiet għal sospensjoni msemmija fl-Artikolu 33(1) tal-Kap 551, anzi kuntrarjament l-imsemmi sub-artikolu jistipola illi:

> *"Din l-eċċezzjoni ma hiex applikabbli għall-applikazzjonijiet relatati mal-iżvilupp u installazzjonijiet li huma soġġetti għal studju dwar l-impatt ambjentali u, jew materji li għandhom x'jaqsmu mal-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (IPPC)."*

Illi l-Permess in kwistjoni jirrikjedi kemm studju dwar l-impatt ambjentali kif ukoll permess tal-IPPC u għaldaqstant jekk l-eżekuzzjoni tal-Permess ma tiġix sospiża, dan ser ikun ta' preġudizzju kbir għall-ambjent.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti l-Awtorità appellanti titlob bir-rispett lil dan l-Onor. Tribunal sabiex a tenur tal-Artikolu 33 tal-Kap 551 jissospendi l-eżekuzzjoni tal-Permess.

Av. Paula Axiak
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa
paula.axiak@era.org.mt